# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johan J. Fenech)**

**vs**

**Natale Bonello**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Natale Bonello ta' 40 sena, bin Joseph Bonello u Emanuela xebba Hili, mwieled nhar 02/02/1975 u residenti 27 Flat 3, Triq Sant' Antnin, Marsascala u detenur tal-karta ta' l-identita bin-numru 568675(m) fejn ġie mixli talli nhar il-21/06/2015 minn ġewwa l-ħanut "Rising Sun" li jinsab Triq Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk ikkommetta serq ta' flus kontanti liema ammont jeccedi l-€232.94 iżda ma jeċċedix l-€2,329.37 għad-detriment ta' Arienne Camilleri, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.

Il-Qorti ġiet mitluba tittratta mal-imputat bħala li rrenda ruħu reċediv b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżibiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul is-seduta tat-30 t'Ottubru 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 18 tal-proċess;

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali l-imputat stqarr li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu skont kif speċifikat aktar 'il fuq.

Rat li l-Qorti bdiet tisma' l-provi miġjuba f'dan il-każ kontra tal-imputat;

Rat li matul is-seduta tad-19 t'Ottubru 2016 l-imputat stqarr li huwa kien ħati tal-imputazzjoni kontestata lilu.

Fid-dawl ta' din l-istqarrija ta' ħtija inkondizzjonata l-Qorti wissiet lill-imputat, bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu mill-ammissjoni ta' ħtija tiegħu fis-sens li hija setgħet issibu ħati tal-istess imputazzjoni u tgħaddi sentenza kontra tiegħu skont il-Liġi. Għalhekk tagħtu żmien biżżejjed sabiex jekk irid, imur lura mill-imsemmija ammissjoni reġistrata minnu.

Wara tat żmien biżżejjed lill-imputat sabiex jirtira l-ammissjoni tiegħu u wkoll li jikkonsulta mal-avukat tiegħu, u wara li reġgħet staqsiet lill-imputat x'għandu xi jgħid dwar l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, l-imputat reġa' tenna li huwa ħati skont kif kien tenna ftit qabel u l-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id-deċiżjoni tal-imputat fl-atti tal-kawża.

Il-Qorti semgħet lill-partijiet jitrattaw il-kawża;

Rat ukoll l-ordni tagħha sabiex id-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole jipprepara relazzjoni ta' qabel is-sentenza;

Rat ir-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation minn fejn jirriżultaw rakkomandazzjonijiet dwar is-sentenza li għandu jingħata l-imputat.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu kif speċifikati aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti qieset ir-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation u nnotat in-natura tal-progress li l-imputat qiegħed jagħmel f'ħajtu kif ukoll il-bidla kbira li seħħet fih. Għalkemm xejn ma jtaffi l-gravita tar-reat kommess u xejn ma jxejjen il-passat ikkulurit u refrattarju tiegħu. F'dan il-każ partikolari, il-Qorti tqis li, għar-raġunijiet spjegati mill-Prosekuzzjoni u d-Difiża, f'dan l-istadju tal-ħajja tal-imputat, piena karċerarja ma tkunx waħda idoneja. Huwa fl-interess tal-Ġustizzja li dan l-imputat jiġi mogħti **<u>ċans</u>** li issa jipprova lilu nnifsu lis-soċjeta li huwa verament issa persuna ġdida li trid tibda ħajja ġdida lil hinn mill-vizzji koroħ tal-abbuż mid-droga u f'ġisem li din il-persuna tħoss li verament hi.

Il-Qorti sejra tikkonċedi li f'dan il-każ, bħal fil-kawża ***Il-Pulizija vs. George Farrugia***, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Jannar 2001 per Prim'Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano il-Qorti għad hemm dik il-*window of opportunity* miftuħa għall-imputat li jbiddel

ħajtu. Biss l-imputat ma jistax jippretendi li ma jimpenjax ruħu. Irid jgħin ruħu – u bil-kif. Jekk huwa jonqos mill-obbligi tiegħu u li ser ikunu imposti fuqu mill-Qorti, l-istess Qorti qegħda tagħmilha ċara li mhux ser ikun possibbli għaliha li ttih ċansijiet oħra. Jekk joqgħod mal-ordnijiet tagħha jimxi l-quddiem. Jekk ma jimxix mal-ordnijiet tagħha u jkun hemm denunzja, allura imbagħad dil-Qorti tkun imġegħla tibdel is-sentenza f'waħda ta' ħabs effettiv.

Inoltre sabiex il-Qorti trid ukoll tindirizza l-problemi ta' natura psikoloġika li l-imputat jidher li huwa aflitt minnhom, sejra wkoll tagħmel ordni ta' trattament fil-massimu tiegħu sabiex l-imputat ikun jista' jingħata dik l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex jagħraf li matul il-kors tal-probation konċess lilu jindirizza l-istess problemi u jkun jagħraf jegħlibhom b'suċċess.

## *Decide : -*

Li wara li rat l-Artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat Natale Bonello, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu; iżda peress li hija tal-

fehma li fiċ-ċirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1)(2)(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi u li ser jiġi sottopost għalih il-ħati.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-Digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament sabiex ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet ta' natura psikoloġika kif ukoll dawk kontra vizzji li l-imputat kien maħkum minnhom u dan għal perjodu ta' tliet snin millum.

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 13 ta' Marzu 2017***

***Aaron M. Bugeja***

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**ORDNI TA' *PROBATION***

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

***Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum: 13 ta' Marzu 2017**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Natale Bonello**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, Natale Bonello ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation* u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' *Probation* ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet snin millum, ikun jista jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed tiġi magħmula din l-Ordni, u illi l-ħati wera li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Għalhekk **tordna** li l-ħati Natale Bonello, bin Joseph Bonello u Emanuela xebba Hili, mwieled nhar 02/02/1975 u residenti 27 Flat 3, Triq Sant' Antnin, Marsascala u detenur tal-karta ta' l-identita bin-numru 568675(m) ikun għal perjodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-*Probation* taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' *probation*, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-*Probation* Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilu.

2. L-Uffiċjal tal-*probation* maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

3. Il-ħati għandu javza immedjatament lill-Uffiċjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Li għandu jzomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal tal-*Probation* skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-iehor l-istess Uffiċjal tal-*Probation*; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal tal-*Probation* ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-*Probation*.

5. Li l-ħati għandu joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-*Probation* intizi li jgħinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati oħra kif ukoll sabiex jegħleb il-vizzji mill-abbuż mid-droga u tal-alkoħol.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Serivizzi tal-Probation u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**……………………………………**

**Natale Bonello**

**……………………………………..**

***Doris Serpina, Deputat Registratur***

***Aaron M. Bugeja, Maġistrat***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**ORDNIJIET TA' TRATTAMENT**

(MAGĦMUL SKONT L-ART. 412 D TAL-KAP.9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

**Maġistrat:** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**ILLUM 13 ta' Marzu 2017**

**PULIZIJA**

**(Spettur Johan J Fenech)**

**vs**

**Natale Bonello**

Il-Qorti,

Billi b`sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Natale Bonello** ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament;

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u illi jekk jonqos li jħares jew li milli jikkonforma ruħu ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, l-Qorti tista' twaħħal ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Wara li l-ħati wera li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament;

Għalhekk, tordna li l-ħati Natale Bonello ta' 40 sena, bin Joseph Bonello u Emanuela xebba Hili, mwieled nhar 02/02/1975 u residenti 27 Flat 3, Triq Sant' Antnin, Marsascala u detenur tal-karta ta' l-identita bin-numru 568675(m) jitpoġġa taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' tliet snin taħt il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija :

1. It-Trattament ser ikun sabiex jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet ta' natura psikoloġika li jidher afflitt minnhom kif ukoll kontra d-dipendenza fuq xorb alkoħoliku jew drogi jew vizzji oħra, skont kif l-Uffiċjal tal-Probation hawn taħt maħtur jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħati, u dan sabiex il-ħati jiġi analizzat u trattat għal imġieba tiegħu.

2. Li matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, l-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti u tal-Esperti li lilhom jista jiġi riferut il-ħati minnu u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

3. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur.

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Natale Bonello**

*Doris Serpina,* **Deputat Reġistratur**

*Aaron M. Bugeja,* **Maġistrat**